MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 1166/2005

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Ahmed Ibrahim Mohammed Al Jolsi et**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni tas-socjeta` attrici li bih, wara li ppremettiet:

Illi l-konvenuti, permezz ta’ skrittura datata tmienja (8) ta’ Mejju, 2003, hadu b’self (numru tal-kont bankarju 050-071133-300) minghand is-socjeta` bankarja attrici s-somma ta’ sebat elef Lira (Lm 7,000.00), ripagabbli skond it-termini u l-kundizzjonijiet msemmija fl-istess skrittura, annessa u mmarkata bhala Dok. A;

Peress illi l-konvenuti, permezz ta' skrittura ohra, datata dsatax (19) ta' Settembru, 2003 hadu b'self (numru tal-kont bankarju 050-71133-301) minghand is-socjeta` bankarja attrici s-somma ta' elfejn u tmien mitt Lira (Lm 2, 800.00) ripagabbli skond it-termini u l-kundizzjonijiet msemmija fl-istess skrittura, annessa u mmarkata bhala Dok.B;

Peress illi l-konvenuti huma moruzi fil-pagamenti mensili illi kelhom jeffettwaw ai termini ta' l-iskritturi fuq imsemmiija;

Peress illi sallum il-konvenuti huma debituri lejn is-socjeta` attrici fis-somma komplessiva ta' sebat elef, disa' mija u Lira wahda u sebgha u hamsin centezmi (Lm 7,901.57) rapprezentanti:

(a) in kwantu ghal hamest elef, mitejn u disgha u hamsin Lira u hamsa u disghin centezmi (Lm 5,259.95) bhala bilanc fuq il-kont numru 050-71133-300, flimkien ma mitejn u tmienja u tletin Lira u erbgha u sittin centezmi (Lm 238.64) bhala imghaxijiet kapitalizzati mit-18 ta' April, 2005 sal-11 ta' Novembru, 2005
(b) in kwantu ghal elfejn, mitejn u tmienja u disghin Lira u disgha u sittin centezmi (Lm2,298.69) bhala bilanc fuq il-kont numru 050-071133-301, flimkien ma' mija u erba' Liri u disgha u ghoxrin centezmi (Lm 104.29) bhala imghaxijiet kapitalizzati mit-18 ta' April, 2005 sal-11 ta' Novembru, 2005;u;

u dana skond il-prospetti annessi u mmarkati bhala Dok.C u Dok.D, rispettivament;

Peress illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu permezz ta' ittra ufficjali datata 7 ta' Settembru, 2005 (Dok.E) izda baqghu inadempjenti;

Peress illi fil-fehma tas-socjeta` attrici dan id-dejn huwa cert, likwidu, u dovut u l-konvenuti m'ghandhom eccezzjonijiet x'jaghtu f'dan ir-rigward kontra t-talbiet attrici;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Taqta' u tiddecciedi din l-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta` attrici fis-somma komplessiva ta' sebat elef, disa' mija u Lira wahda u sebgha u hamsin centezmi (Lm 7,901.57)
3. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' sebat elef, disa' mija u Lira wahda u sebgha u hamsin centezmi (Lm 7,901.57) bl-imghaxijiet legali kkalkolati mit-12 ta' Novembru, 2005 sal-gurnata tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali tas-7 ta' Settembru, 2005 kontra l-konvenuti, li huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni kontra taghha tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------